II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/785

tad-9 ta' Ġunju 2020

li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għall-kromafenożid, il-fluwometuron, il-penċikuron, is-sedassan, it-taw-fluvalinat u t-triażossidu f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-livelli massimi ta' residwi (MRLs) għall-kromafenożid, il-fluwometuron, il-penċikuron, is-sedassan, u t-taw-fluvalinat ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għat-triażossidu mhu stabbilit l-ebda MRL fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u peress li din is-sustanza attiva mhix inkluża fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament, japplika l-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg stipulat fl-Artikolu 18(1)(b) ta' dak ir-Regolament.

(2) Għall-kromafenożid, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ressqet opinjoni raġunata dwar ir-rieżami tal-MRLs eżistenti, f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([2]). Ma huma awtorizzati l-ebda użi u ma jeżistu l-ebda tolleranzi tal-importazzjoni għall-kromafenożid fl-Unjoni. L-awtorità kkonkludiet li l-istabbiliment tal-MRL fil-Limitu ta' Detezzjoni (LOD) jipprovdi livell sodisfaċenti ta' protezzjoni għall-konsumaturi fl-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li dawk l-MRLs jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fl-LOD speċifiku.

(3) Għall-fluwometuron, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([3]). Irrakkomandat iż-żamma tal-MRL eżistenti għaż-żerriegħa tal-qoton. Ma teżisti l-ebda awtorizzazzjoni oħra għal din is-sustanza. Peress li ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRL għal dak il-prodott jenħtieġ li jiġi stipulat fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

([2]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for chromafenozide according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005 [Opinjoni raġunata tar-rieżami tal-livelli massimi ta' residwi eżistenti għall-kromafenożid f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005]. EFSA Journal 2019;17(1):5533.

([3]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for chromafenozide according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005 [Opinjoni raġunata tar-rieżami tal-livelli massimi ta' residwi eżistenti għall-fluwometuon f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005]. EFSA Journal 2019;17(1):5560.

(4) Għall-penċikuron, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([4]). L-Awtorità ipproponiet bidla fid-definizzjoni tar-residwu u kkonkludiet li xi informazzjoni ma kinitx disponibbli dwar l-MRLs għall-prodotti kollha u li kien hemm bżonn ta' aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Billi ma jistax jiġi eskluż riskju għall-konsumaturi, jenħtieġ li l-MRLs jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fl-LOD speċifiku.

(5) Għas-sedassan, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([5]). Ippproponiet li tinbidel id-definizzjoni tar-residwu u rrakkomandat li jinżammu l-MRLs eżistenti. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, jenħtieġ li l-MRLs jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fl-LOD speċifiku.

(6) Għat-taw-fluvalinat, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([6]). Ippproponiet li tinbidel id-definizzjoni tar-residwu u rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għaċ-ċiras (ħelu), il-frawli, il-pitravi, il-karrotti, il-brokkoli, il-fażola (mingħajr miżwed), il-piżelli (mingħajr miżwed), iż-żrieragħ tal-ġunġlien, iż-żerriegħa tar-rapa/taż-żerriegħa tal-kanola, iż-żerriegħa tal-qoton, ix-xgħir, il-ħafur, il-majjal (muskoli, xaħam, il-kliewi), il-kliewi (bovini, nagħaġ, mogħoż, ekwini), il-ħalib (bovini, nagħaġ, mogħoż, żiemel). Għal prodotti oħrajn, l-Awtorità rrakkomandat li jiżdied il-livell tal-MRLs jew jinżamm dak eżistenti. Billi ma hemm l-ebda riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità. L-awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-ħjar, ix-xaħam tat-tjur u l-ġewwieni li jittiekel tat-tjur (minbarra l-fwied u l-kliewi) xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet hemm bżonn aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskji. Se ssir reviżjoni ta' dawn l-MRLs; l-eżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(7) Għat-triażossidu, l-Awtorità ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([7]). Irrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għax-xgħir, għall-ħafur, għas-segala u għall-qamħ. Ma teżisti l-ebda awtorizzazzjoni oħra għal din is-sustanza. Billi ma hemm l-ebda riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fl-LOD speċifiku jew fil-livell identifikat mill-Awtorità.

(8) F'dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti li fuqhom mhux awtorizzat l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat, u li għalihom ma jeżistu l-ebda tolleranzi tal-importazzjoni jew limiti massimi tar-residwi fil-Codex (CXLs), l-MRLs jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-LOD speċifiku jew jenħtieġ li japplika l-MRL prestabbilit, kif previst fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(9) Il-Kummissjoni kkonsultat lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar ir-residwi tal-pestiċidi fir-rigward tal-bżonn li jiġu adattati ċerti limiti ta' determinazzjoni. Fir-rigward ta' diversi sustanzi, dawk il-laboratorji kkonkludew li għal ċertu prodotti bażiċi l-iżvilupp tekniku jeżiġi li jiġu stabbiliti limiti speċifiċi ta' determinazzjoni.

(10) Abbażi tal-opinjonijiet motivati tal-Awtorità u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti tas-suġġett ikkunsidrat, l-emendi xierqa tal-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(11) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-kummenti tagħhom tqiesu.

(12) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.

(13) Sabiex il-prodotti jkunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati, ipproċessati u kkunsmati b'mod normali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi arranġament tranżizzjonali għall-prodotti li jkunu ġew prodotti qabel il-modifika tal-MRLs u li għalihom jintwera li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

(14) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma jibdew japplikaw l-MRLs immodifikati, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju ruħhom ħalli jkunu konformi mar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.

([4]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for chromafenozide according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005 [Opinjoni raġunata tar-rieżami tal-livelli massimi ta' residwi eżistenti għall-penċikuron f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005]. EFSA Journal 2018;16(12):5518.

([5]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for chromafenozide according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005 [Opinjoni raġunata tar-rieżami tal-livelli massimi ta' residwi eżistenti għas-sedassan f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005]. EFSA Journal 2019;17(1):5544.

([6]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for chromafenozide according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005 [Opinjoni raġunata tar-rieżami tal-livelli massimi ta' residwi eżistenti għat-taw-fluvalinat f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005]. EFSA Journal 2018;16(11):5475.

([7]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for chromafenozide according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005 [Opinjoni raġunata tar-rieżami tal-livelli massimi ta' residwi eżistenti għat-triażossidu f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005]. EFSA Journal 2019;17(1):5525.

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat permezz ta' dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għal prodotti li kienu prodotti fl-Unjoni jew li ġew importati fl-Unjoni qabel is-6 ta' Jannar 2021.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-6 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness II, jiżdiedu l-kolonni li ġejjin għall-kromafenożid, il-fluwometuron, il-penċikuron, is-sedassan, it-tau-fluvalinat u t-triażossidu:

"Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)

Numru tal-Kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs (a)	Kromafenożid	Fluwometuron	Penċikuron (is-somma tal-penċikuron u l-penċikuron-PB-ammin, espress bħala penċikuron) (F) (R) (A)	Sedassan (is-somma tal-isomeri)	Fluvalinat (somma tal-isomeri) (F) li tirriżulta mill-użu tat-taw-fluvalinat	Triażossidu
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)
0100000	**FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR**	**0,01***	0,01*	**0,02***	**0,01***		
0110000	**Frott taċ-ċitru**					0,4	**0,001***
0110010	Grejpfrut						
0110020	Larinġ						
0110030	Lumi						
0110040	Xkomp						
0110050	Mandolin						
0110990	Oħrajn						
0120000	**Ġewż tas-siġar**					0,01*	**0,005(*)**
0120010	Lewż						
0120020	Ġewż tal-Brażil						
0120030	Ġewż tal-anakardju						
0120040	Qastan						
0120050	Ġewż tal-Indi						
0120060	Ġellewż/ġellewż Ewropew						
0120070	Macadamia						
0120080	Ġewż Amerikan						
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu						
0120100	Pistaċċi						

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)
0120110	Ġewż						
0120990	Oħrajn						
0130000	**Pomu**					0,3	**0,001(*)**
0130010	Tuffieħ						
0130020	Langas						
0130030	Sfarġel						
0130040	Naspli						
0130050	Naspli tal-Ġappun						
0130990	Oħrajn						
0140000	**Frott tal-għadma**						**0,001(*)**
0140010	Berquq					0,3	
0140020	Ċiras (ħelu)					**0,4**	
0140030	Ħawħ					0,3	
0140040	Għanbaqar					**0,01(*)**	
0140990	Oħrajn					0,01(*)	
0150000	**Kukku u frott żgħir ieħor**						**0,001(*)**
0151000	**(a) għeneb**					1	
0151010	Għeneb tal-mejda						
0151020	Għeneb għall-inbid						
0152000	**(b) frawli**					**0,3**	
0153000	**(c) frott tal-kannamiela**					**0,01(*)**	
0153010	Tut						
0153020	Ċawsli iswed [Dewberries]						
0153030	Lampun (aħmar u isfar)						
0153990	Oħrajn						
0154000	**(d) frott żgħir ieħor u berries**					**0,01(*)**	
0154010	Mirtill						
0154020	Cranberries						

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)
0154030	Passolina (ħamra, sewda u bajda)						
0154040	Ribes (ħodor, ħomor u sofor)						
0154050	Warda skoċċiża						
0154060	Ċawsli (iswed u abjad)						
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran						
0154080	Frott tas-sebuqa						
0154990	Oħrajn						
0160000	**Frott - diversi bi**					0,01(*)	
0161000	**(a) qoxra li tittiekel**						
0161010	Tamal						**0,001(*)**
0161020	Tin						**0,001(*)**
0161030	Żebbuġ tal-mejda						**0,005(*)**
0161040	Lariġ tal-qsari						**0,001(*)**
0161050	Karambola						**0,001(*)**
0161060	Kaki						**0,001(*)**
0161070	Jambolan						**0,001(*)**
0161990	Oħrajn						**0,001(*)**
0162000	**(b) qoxra li ma tittikilx, żgħar**						**0,001(*)**
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar)						
0162020	Liċċi						
0162030	Frotta tal-passjoni						
0162040	Bajtar tax-xewk/frotta tal-kaktus						
0162050	Tuffieħ stilla						
0162060	Kaki Amerikan/Kaki tal-Virġinja						
0162990	Oħrajn						

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)
0163000	**(c) qoxra li ma tittikilx, kbar**						
0163010	Avokado						**0,005(*)**
0163020	Banana						**0,001(*)**
0163030	Mango						**0,001(*)**
0163040	Papaja						**0,001(*)**
0163050	Rummien						**0,001(*)**
0163060	Ċerimoja						**0,001(*)**
0163070	Gwava						**0,001(*)**
0163080	Ananas						**0,001(*)**
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż						**0,001(*)**
0163100	Durjan						**0,001(*)**
0163110	Il-frotta tal-annona						**0,001(*)**
0163990	Oħrajn						**0,001(*)**
0200000	**ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT**						
0210000	**Ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi**	0,01(*)	0,01(*)	**0,02(*)**		**0,01(*)**	**0,001(*)**
0211000	**(a) patata**				0,02		
0212000	**(b) ħxejjex tropikali mill-għeruq u t-tuberi**				**0,01(*)**		
0212010	Għeruq tal-kassava						
0212020	Patata ħelwa						
0212030	Jammijiet						
0212040	Ararut						
0212990	Oħrajn						
0213000	**(c) ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi**				**0,01(*)**		
0213010	Pitravi						
0213020	Zunnarija						
0213030	Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi						
0213040	Għerq tal-mustarda						

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)
0213050	Artiċokks						
0213060	Zunnarija bajda						
0213070	Tursin tuberuż						
0213080	Ravanell						
0213090	Sassefrika						
0213100	Swedes						
0213110	Kromb						
0213990	Oħrajn						
0220000	**Ħxejjex tal-basla**	0,01(*)	0,01(*)	**0,02(*)**	**0,01(*)**	0,01(*)	**0,001(*)**
0220010	Tewm						
0220020	Basal						
0220030	Xalotti						
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales						
0220990	Oħrajn						
0230000	**Ħxejjex tal-frott**	0,01(*)	0,01(*)	**0,02(*)**	**0,01(*)**		**0,001(*)**
0231000	**(a) solanacea**						
0231010	Tadam					**0,01(*)**	
0231020	Bżar ħelu (kapsikum)					0,01(*)	
0231030	Brunġiel					0,15	
0231040	Okra					0,01(*)	
0231990	Oħrajn					0,01(*)	
0232000	**(b) kukurbiti tal-qoxra kommestibbli**					**0,02**	
0232010	Ħjar					**(+)**	
0232020	Gherkins (ħjar żgħir)						
0232030	Qargħabagħli						
0232990	Oħrajn						

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)
0233000	**(c) kukurbiti tal-qoxra li ma tittikilx**						
0233010	Bettieħ					0,09	
0233020	Qargħa aħmar					0,01(*)	
0233030	Dulliegħ					**0,09**	
0233990	Oħrajn					0,01(*)	
0234000	**(d) qamħirrum**					0,01(*)	
0239000	**(e) ħxejjex tal-frott oħrajn**					0,01(*)	
0240000	**Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)**	0,01(*)	0,01(*)	**0,02(*)**	**0,01(*)**		**0,001(*)**
0241000	**(a) Brassika li twarrad**					**0,3**	
0241010	Brokkli						
0241020	Pastard						
0241990	Oħrajn						
0242000	**(b) brassika bir-ras**						
0242010	Brussels sprouts					**0,15**	
0242020	Kaboċċa bir-ras					**0,3**	
0242990	Oħrajn					0,01(*)	
0243000	**(c) brassika bil-weraq**					0,01(*)	
0243010	Kaboċċi Ċiniżi						
0243020	Kale						
0243990	Oħrajn						
0244000	**(d) ġdur**					**0,08**	
0250000	**Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**						
0251000	**(a) ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata**	0,01(*)	0,01(*)	**0,02(*)**	**0,01(*)**	0,7	**0,001(*)**
0251010	Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ						
0251020	Ħass						

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)
0251030	Escaroles/Indivja tal-weraq wiesa'						
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn						
0251050	Krexxuni tal-art						
0251060	Aruka						
0251070	Mustarda ħamra						
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom speċijiet ta' brassika)						
0251990	Oħrajn						
0252000	**(b) spinaċi u weraq simili**	0,01(*)	0,01(*)	**0,02(*)**	**0,01(*)**	0,01(*)	**0,001(*)**
0252010	Spinaċi						
0252020	Burdlieq						
0252030	Weraq tal-pitravi						
0252990	Oħrajn						
0253000	**(c) weraq tad-dwieli u u ta' speċijiet simili**	0,01(*)	0,01(*)	**0,02(*)**	**0,01(*)**	0,01(*)	**0,001(*)**
0254000	**(d) krexxuni**	0,01(*)	0,01(*)	**0,02(*)**	**0,01(*)**	0,01(*)	**0,001(*)**
0255000	**(e) ċikwejra**	0,01(*)	0,01(*)	**0,02(*)**	**0,01(*)**	0,01(*)	**0,001(*)**
0256000	**(f) ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**	**0,02(*)**	**0,02(*)**	**0,04(*)**	**0,02(*)**	**0,02(*)**	**0,002(*)**
0256010	Maxxita						
0256020	Kurrat selvaġġ						
0256030	Weraq tal-karfus						
0256040	Tursin						
0256050	Salvja						
0256060	Klin						
0256070	Sagħtar						
0256080	Ħabaq u l-fjuri tiegħu li jittieklu						
0256090	Weraq tar-rand						

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)
0256100	Stragun						
0256990	Oħrajn						
0260000	**Legumi**	0,01(*)	0,01(*)	**0,02(*)**	**0,01(*)**		**0,001(*)**
0260010	Fażola (bil-miżwed)					**0,6**	
0260020	Fażola (bla miżwed)					**0,05**	
0260030	Piżelli (bil-miżwed)					**0,6**	
0260040	Piżelli (bla miżwed)					**0,05**	
0260050	Għads					0,01(*)	
0260990	Oħrajn					0,01(*)	
0270000	**Ħxejjex biz-zokk**	0,01(*)	0,01(*)	**0,02(*)**	**0,01(*)**		**0,001(*)**
0270010	Asparagu					0,01(*)	
0270020	Kardun					0,01(*)	
0270030	Krafes					0,01(*)	
0270040	Bużbież ta' Firenze					0,01(*)	
0270050	Qaqoċċ					0,8	
0270060	Kurrat					**0,01(*)**	
0270070	Rabarbru					0,01(*)	
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu					0,01(*)	
0270090	Qlub tal-palm					0,01(*)	
0270990	Oħrajn					0,01(*)	
0280000	**Faqqiegħ, ħażiż u likeni**	0,01(*)	0,01(*)	**0,02(*)**	**0,01(*)**	0,01(*)	**0,001(*)**
0280010	Faqqiegħ ikkultivat						
0280020	Faqqiegħ salvaġġ						
0280990	Ħażiż u likeni						
0290000	**Alka u organiżmi prokarjoti**	0,01(*)	0,01(*)	**0,02(*)**	**0,01(*)**	0,01(*)	**0,001(*)**
0300000	**ŻRIERAGĦ IMNIXXFIN TAL-LEGUMI**	0,01(*)	**0,005(*)**	**0,02(*)**	0,01(*)	**0,01(*)**	**0,003(*)**
0300010	Fażola						
0300020	Għads						
0300030	Piżelli						

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)
0300040	Lupini						
0300990	Oħrajn						
0400000	**ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT**	0,01(*)	0,01(*)	**0,02(*)**	**0,01(*)**		**0,005(*)**
0401000	**Żrieragħ żejtnija**						
0401010	Żerriegħa tal-kittien					**0,02**	
0401020	Karawett					**0,01(*)**	
0401030	Żerriegħa tal-peprin					**0,01(*)**	
0401040	Ġulġlien					**0,01(*)**	
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol					**0,01(*)**	
0401060	Żerriegħa tal-kolza					**0,02**	
0401070	Fażola tas-sojja					**0,01(*)**	
0401080	Żerriegħa tal-mustarda					**0,02**	
0401090	Żerriegħa tal-qoton					**0,09**	
0401100	Żerriegħa tal-qargħa ħamra					**0,02**	
0401110	Żrieragħ tal-għosfor					**0,02**	
0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom					**0,02**	
0401130	Żerriegħa tal-camelina sativa					**0,02**	
0401140	Qannebusa					**0,02**	
0401150	Żerriegħa tar-riġnuwa					**0,01(*)**	
0401990	Oħrajn					**0,01(*)**	
0402000	**Frott taż-żejt**					0,01(*)	
0402010	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt						
0402020	Il-qlub taż-żerriegħa tal-palm taż-żejt						
0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt						
0402040	Kapok						
0402990	Oħrajn						
0500000	**ĊEREALI**	0,01(*)	**0,005(*)**	**0,02(*)**	0,01(*)		**0,003(*)**
0500010	Xgħir					**0,4**	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloż oħrajn					0,01(*)	
0500030	Qamħirrum					**0,01(*)**	
0500040	Millieġ komuni					0,01(*)	
0500050	Ħafur					**0,4**	
0500060	Ross					0,01(*)	
0500070	Segala					0,05	
0500080	Sorgu					0,01(*)	
0500090	Qamħ					0,05	
0500990	Oħrajn					**0,01(*)**	
0600000	**TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,1(*)**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,005(*)**
0610000	**Tejiet**						
0620000	**Żrieragħ tal-kafè**						
0630000	**Infusjonijiet erbali minn**						
0631000	**(a) fjuri**						
0631010	Kamomilla						
0631020	Ibisku						
0631030	Ward						
0631040	Ġiżimin						
0631050	Tilju						
0631990	Oħrajn						
0632000	**(b) weraq u ħxejjex aromatiċi**						
0632010	Frawla						
0632020	Rooibos						
0632030	Te tal-Paragwaj						
0632990	Oħrajn						
0633000	**(c) għeruq**						
0633010	Valerjana						
0633020	Ġinseng						

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)
0633990	Oħrajn						
0639000	**(d) kull parti oħra tal-pjanta**						
0640000	**Żerriegħa tal-Kawkaw**						
0650000	**Grupp Ħarrub**						
0700000	**ĦOPS**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,1(*)**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,005(*)**
0800000	**ĦWAWAR**						
0810000	**Ħwawar taż-żerriegħa**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,1(*)**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,005(*)**
0810010	Ħlewwa						
0810020	Ħlewwa sewda/kemmun iswed						
0810030	Karfus						
0810040	Kosbor						
0810050	Kemmun						
0810060	Xibt						
0810070	Bużbież						
0810080	Fienu						
0810090	Noċemuskata						
0810990	Oħrajn						
0820000	**Ħwawar tal-frott**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,1(*)**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,005(*)**
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment						
0820020	Bżar tas-Sichuan						
0820030	Ħlewwa Ġermaniża						
0820040	Kardamomu						
0820050	Frott tal-ġnibru						
0820060	Bżar (iswed, aħdar u abjad)						
0820070	Vanilja						
0820080	Tamar tal-Indja						
0820990	Oħrajn						
0830000	**Ħwawar tal-qoxra tas-siġar**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,1(*)**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,005(*)**

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)
0830010	Kannella						
0830990	Oħrajn						
0840000	**Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi**						
0840010	Għud is-sus	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,1(*)**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,005(*)**
0840020	Ġinġer						
0840030	Żagħfran tal-Indja	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,1(*)**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,005(*)**
0840040	Għerq tal-mustarda						
0840990	Oħrajn	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,1(*)**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,005(*)**
0850000	**Ħwawar tal-blanzuni**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,1(*)**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,005(*)**
0850010	Imsiemer tal-qronfol						
0850020	Kappar						
0850990	Oħrajn						
0860000	**Il-ħwawar ta' qalb il-fjura**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,1(*)**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,005(*)**
0860010	Żagħfran						
0860990	Oħrajn						
0870000	**Ħwawar tal-aril**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,1(*)**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,005(*)**
0870010	Il-qoxra barranija tan-noċemuskata						
0870990	Oħrajn						
0900000	**PJANTI TAZ-ZOKKOR**	0,01(*)	0,01(*)	**0,02(*)**	**0,01(*)**	0,01(*)	**0,001(*)**
0900010	Pitravi taz-zokkor						
0900020	Kannamieli						
0900030	Għeruq taċ-Ċikwejra						
0900990	Oħrajn						
1000000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TAL-ART**						
1010000	**Tessuti minn**	0,01(*)	**0,005(*)**	**0,01(*)**	**0,01(*)**		**0,01(*)**
1011000	**(a) ħnieżer**						
1011010	Muskoli					**0,015**	
1011020	Tessut xaħmi					**0,05**	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)
1011030	Fwied					0,01(*)	
1011040	Kliewi					**0,01(*)**	
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)					**0,05**	
1011990	Oħrajn					0,01(*)	
1012000	**(b) bovini**						
1012010	Muskoli					0,05	
1012020	Tessut xaħmi					0,3	
1012030	Fwied					0,01(*)	
1012040	Kliewi					**0,015**	
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)					0,3	
1012990	Oħrajn					0,01(*)	
1013000	**(c) ngħaġ**						
1013010	Muskoli					0,05	
1013020	Tessut xaħmi					0,3	
1013030	Fwied					0,01(*)	
1013040	Kliewi					**0,015**	
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)					0,3	
1013990	Oħrajn					0,01(*)	
1014000	**(d) mogħoż**						
1014010	Muskoli					0,05	
1014020	Tessut xaħmi					0,3	
1014030	Fwied					0,01(*)	
1014040	Kliewi					**0,015**	
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)					0,3	
1014990	Oħrajn					0,01(*)	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)
1015000	**(e) ekwini**						
1015010	Muskoli					0,05	
1015020	Tessut xaħmi					0,3	
1015030	Fwied					0,01(*)	
1015040	Kliewi					**0,015**	
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)					0,3	
1015990	Oħrajn					0,01(*)	
1016000	**(f) pollam**						
1016010	Muskoli					0,01(*)	
1016020	Tessut xaħmi					**0,03 (+)**	
1016030	Fwied					0,01(*)	
1016040	Kliewi					0,01(*)	
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)					**0,03 (+)**	
1016990	Oħrajn					0,01(*)	
1017000	**(g) annimali terrestri oħrajn imrobbijin**						
1017010	Muskoli					**0,05**	
1017020	Tessut xaħmi					**0,3**	
1017030	Fwied					0,01(*)	
1017040	Kliewi					**0,015**	
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)					**0,3**	
1017990	Oħrajn					0,01(*)	
1020000	**Ħalib**	0,01(*)	**0,005(*)**	**0,01(*)**	**0,01(*)**		**0,01(*)**
1020010	Bhejjem tal-ifrat					**0,03**	
1020020	Nagħaġ					**0,02**	
1020030	Mogħoż					**0,02**	
1020040	Żwiemel					**0,03**	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)
1020990	Oħrajn					**0,02**	
1030000	**Bajd tat-tjur**	0,01(*)	**0,005(*)**	**0,01(*)**	**0,01(*)**	0,01(*)	**0,01(*)**
1030010	Tiġieġ						
1030020	Papri						
1030030	Wiżż						
1030040	Summien						
1030990	Oħrajn						
1040000	**Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura**	0,05(*)	**0,05(*)**	**0,05(*)**	**0,05(*)**	0,05(*)	**0,05(*)**
1050000	**Amfibji u Rettili**	0,01(*)	**0,005(*)**	**0,01(*)**	**0,01(*)**	0,01(*)	**0,01(*)**
1060000	**Annimali terrestri invertebrati**	0,01(*)	**0,005(*)**	**0,01(*)**	**0,01(*)**	0,01(*)	**0,01(*)**
1070000	**Annimali vertebrati terrestri slavaġ**	0,01(*)	**0,005(*)**	**0,01(*)**	**0,01(*)**	0,01(*)	**0,01(*)**
1100000	**PRODUCTS OF ANIMAL ORIGIN - FISH, FISHPRODUCTS AND ANY OTHER MARINE AND FRESHWATER FOOD PRODUCTS (8)**						
1200000	**PRODUCTS OR PART OF PRODUCTS EXCLUSIVELY USED FOR ANIMAL FEED PRODUCTION (8)**						
1300000	**PROCESSED FOOD PRODUCTS (9)**						

(*) Jindika limitu ta' kwantifikazzjoni analitika

(a) Għal-lista sħiħa tal-prodotti ta' oriġini mill-pjanti u l-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, għandha ssir referenza għall-Anness I.

(F) = Jinħall fix-xaħam

Penċikuron (is-somma tal-penċikuron u l-penċikuron-PB-ammin, espress bħala penċikuron) (F) (R) (A)

(A) Il-laboratorji ta' referenza tal-UE identifikaw li l-istandard referenzjali għall-penċikuron-PB-ammin mhumiex disponibbli kummerċjalment. Fir-rieżaminazzjoni tal-MRL, il-Kummissjoni se tqis id-disponibbiltà kummerċjali tal-istandards ta' referenza msemmija fl-ewwel sentenza sas-16 ta' Ġunju 2021, jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jkunx disponibbli kummerċjalment sa dik id-data, in-nuqqas tiegħu.

R = Id-definizzjoni ta' residwu tvarja għall-kombinazzjonijiet li ġejjin tal-pestiċida u n-numru tal-kodiċi:
Penċikuron - kodiċi 1000000: Penċikuron (F)

Fluvalinat (somma tal-isomeri) (F) li tirriżulta mill-użu tat-taw-fluvalinat

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwi bħala mhux disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sas-16 ta' Ġunju 2022, jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jiġix sottomess sa dik id-data, in-nuqqas tiegħu.

0232010 Ħjar

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar il-metaboliżmu tal-bhejjem u studji dwar l-alimentazzjoni bħala mhux disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sas-16 ta' Ġunju 2022, jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jiġix sottomess sa dik id-data, in-nuqqas tiegħu.

1016020 Xaħam

1016050 Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)"

(2) fil-Parti A tal-Anness III, jitħassru l-kolonni li ġejjin għall-kromafenożid, il-fluwometuron, il-penċikuron, is-sedassan u t-tau-fluvalinat.